MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 405/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Desira**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Desira talli:

(1) f'dawn l-ahhar gimghat, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, b'awtorita` tieghu nnifsu, fixkel lil Godwin Agius mill-pussess ta' hwejgu;

(2) sar recidiv b'sentenza tal-Qorti ta' Malta meta kiser sentenza moghtija mill-Magistrat Dr.A.Micallef Trigona

moghtija fit-12 ta’ Ottubru 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Awwissu 2012, li permezz taghha dik il-Qorti sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u, wara li rat l-artikoli 85, 49 u 50 tal-Kap 9, ikkundannatu hames mitt euro multa. Rat wkoll l-artikoli 85(2) u 377 tal-Kap 9 u ordnatlu li minnufih u ghall-gejjieni jiddezisti milli b’xi mod u manjiera jostakola l-access taht penali ta’ hmistax-il euro kuljum fin-nuqqas;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ George Desira minnu pprezentat fil-31 ta’ Awwissu 2012 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tirrevoka s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah skond il-ligi ; (2) alternattivament u minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li, kuntrarjament gha l dak li nghad fis-sentenza appellata, minn imkien ma jirrizulta li kien hu li wettaq l-atti li minnhom qieghed jilmenta Godwin Agius; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena hi sproporzjonata.

**6.** B’referenza ghall-ewwel aggravju din il-Qorti ezaminat il-provi. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti jidher illi l-ilment ta’ Godwin Agius f’dan il-kaz hu li l-appellant ostakolah milli jghaddi ghall-ghalqa tieghu minhabba van ipparkeggjat quddiem l-entratura ta’ l-ghalqa.

**7.** Mill-affidavits ta’ P.C. 1401 C. Copperstone u W.P.C. 318 Amanda Pickard jirrizulta illi fis-7 ta’ Marzu 2011, fuq

rapport li ghamel Clint Agius li kien hemm van isakkar l-entratura ta' l-ghalqa, huma accedew fuq il-post flimkien ma' P.S. 1429 E. Mangion u P.C. 496 R. Agius. Hemm sabu van ipparkjat quddiem ix-xatba ta' l-ghalqa u liema van bin-numru AAP-129 tat-tip KIA Ceres huwa registrat fuq Generoso Desira, it-tifel ta' George Desira. P.C. 1401 jghid illi s-Surgent dahal ma' Agius minn bieb iehor mal-genb tal-ghalqa u mar fir-razzett ta' Desira. Mela x-xhud hawn ma qalx illi dahal hu wkoll mas-Surgent. Izda jkompli: "Desira zied jghid illi sabiex jghaddi ghar-razzett bilfors irid jghaddi mill-ghalqa ta' Agius ghaliex il-passagg l-iehor li jaghti ghar-razzett huwa dejjaq u b'hekk ma jghaddix bil-van." Jekk ma dahalx mas-Surgent, kif jista' jghid x'qal Desira? Jekk dahal mas-Surgent, ghal liema "Desira" qieghed jirreferi? Ghal Generoso Desira li fuq ismu hu registrat il-van jew ghal George Desira? Mill-banda l-ohra W.P.C. 318 tghid li hi dahlet flimkien mas-Surgent u ma' Agius fir-razzett ta' "Desira". Tghid li hemm P.S. 1429 qallu li ma jistax jaghmel il-van quddiem ix-xatba u huwa qal li bilfors kellu jaghmlu hemm ghaliex ma kellux fejn jaghmlu. W.P.C. 318 issemmi ripetutament il-kunjom "Desira" izda ma tidentifikax lil min kellmu, jekk hux lil Generoso li, jigi ribadit, il-van hu registrat fuq ismu, jew lil George. Stranament P.S. 1429, nonostante li jaghmel affidavit dwar ittra mibghuta mill-avukat ta' Godwin Agius, ma jghid xejn dwar l-incident fejn kien hemm il-van jingombra x-xatba ta' l-ghalqa ta' Godwin Agius. L-ewwel Qorti qalet illi mill-affidavits "tas-surgenta u pulizija ohra li nvestigaw il-kaz jirrizulta li kien l-imputat li permezz tieghu [l-van] imblokka l-access". Kif intwera, mill-affidavits tal-Pulizija ma jirrizulta xejn minn dan.

**8.** Stranament meta xehdu l-appellant u ibnu, ma saritilhom l-ebda mistoqsija mill-prosekuzzjoni dwar l-incident tal-van. Godwin Agius ukoll ma jghid xejn dwar dan l-incident. Clint Agius, li rrapporta li kien hemm il-van ipparkjat quddiem ix-xatba, isemmi l-incident tal-van u huwa utili li jigi riprodott il-bran relattiv:

"Avukat: Ix-xhud qed jidentifika lil George Desira bhala l-persuna li kellu kawza fejn il-Qorti ordnat li kien hemm

ezercizzju ta’ dritt abuziv fuq l-itesspassagg. Dan fuq l-istess passagg qed nitkellmu.

“Xhud: Iva.

“Avukat: X’kien qed jaghmel?

“Xhud: Kien qed jaghlaqha bil-katnazz u barra min hekk kien qed jaghmel il-van quddiemha.

“Avukat: Ix-xatba fejn ghandkom l-ghalqa intom hux hekk?

“Xhud: Iva.

“Avukat: Dak ir-ritratt, arah ftit, ix-xatba l-hadra?

“Xhud: Iva x-xatba l-hadra u dak il-van kien jipparkjah quddiemha.

“Avukat: Il-van ta’ min hu?

“Xhud: Ta’ Generoso Desira.

“AVukat: Qed taghrfu hawnhekk lil Generosos Desira?

“Xhud: Iva.

“Avukat: Generoso x’jigi minn Geoerge Desiera?

“Xhud: It-tifel tieghu.

“Avukat: Mela George Desira kien diga` gie akkuzat u nstab hati li kien qed jizgombga [*recte:* jingombra] l-passagg billi ghamel il-katnazz u t-tifel tieghu ghamel il-van.

“Xhud: Ezatt..

“Avukat: U ghalhekk qeghdin haw nil-Qorti, it-tieni darba.

“Xhud: Iva.

“Avukat: Fuq l-istess haga.

“Xhud: Iva.”

**9.** Filwaqt illi minn dan il-bran Clint Agius beda biex jghid illi l-van kien iqieghdu George Desira, fl-ahhar jispicca biex jaqbel illi kien it-tifel ta’ l-appellant li kien ihalli l-van quddiem ix-xatba. Naturalment l-appellant jista’ jitqies responsabbli jekk dan sar bil-*bene placitu* u pjena konoxxenza ta’ l-appellant. Dan kien jirrizulta li kieku mill-affidavits tal-Pulizija kien jirrizulta illi huma kellmu lill-appellant fis-7 ta’ Marzu 2011. Jigifieri din kienet tkun prova cirkostanzjali soda. Galadarba ma jirrizultax lil min kellmu l-Pulizija, u galadarba Clint Agius stess stqarr li kien Generoso Desira li kien jipparkja l-vettura, l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u, konsegwentement tat-tieni.

**10.** Dwar it-tieni imputazzjoni din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib illi jirrizulta l-addebitu tar-recidiva peress illi s-sentenza in kwistjoni kienet wahda fejn l-appellant kien inghata *conditional discharge* skond il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif dejjem gie puntwalizzat minn din il-Qorti, persuna ma tistax titqies recidiva fir-rigward tal-mezzi ta’ trattament kontemplati f’dik il-ligi. Ara, per ezempju, f’dar-rigward l-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Stephen Zahra** deciz fit-30 ta’ April 2008.

**11.** Ghal dawn il-motvii tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-imsemmi George Desira mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u minnhom tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------